**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 6 ta' Ottubru 2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Ian Abdilla**
**illum Assistent Kummissarju)**

**Vs**

**Reuben Micallef**

**Kawza nru. 210/2007**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **REUBEN MICALLEF** detentur tal-Karta tal-identita' numru 134274M gie akkuzat talli f' Marzu 2007,u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer kif wkoll barra minn dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar (u cioe' flimkien ma' David Coleiro u ma' Raymond Debono) bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali (u cioe' frodi ghad-dannu ta' Raymond Briffa) li ghalihom jista' jehel l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A (1), u (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, appartjenejt ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A (2), u (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);*

**Nakkuza lil Reuben Micallef wkoll** talli f' Marzu 2007 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

3. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwru bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)*;

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Audio li jinstab San Gwann; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

6. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor,

ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Strand Electronics Limited li jinstab l-Msida; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

7. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment KVH Computers li jinstab ir-Rabat; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

8. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Vision 2000 li jinstab Hal-Ghaxaq; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

9. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Infomate Limited/Isecure Limited li jinstab l-Msida; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

10. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Intercomp li jinstab l-Marsa; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

11. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment A to Z Electronics Limited li jinstab l-Msida; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

12. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment New Millenium Computer Superstore li jinstab Birkirkara; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

13. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Forestals (Appliances) Limited/FGL Information Technology Limited li jinstab Tas-Sliema; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

14. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Panta Computers Limited li jinstab l-Msida; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

15. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' anqas minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Datax Computer Centre li jinstab Ta' Xbiex; *(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tirrileva illi dawn l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-2 ta' Gunju 2010 (ara *folio* 264) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara verbal tas-seduta tat-22/07/2014 a folio 290);

Tiddeciedi preliminarjament illi, in linea mal-insenjament tal-Qrati Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-istqarrija moghtija mill-imputat, li tinsab *a folio* 26 u mmarkata bhala dok 1, sejra tigi skartata;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat il-verbal tas-seduti tal-24 ta` Mejju 2016 u tas-6 ta` Dicembru 2016 fejn, *inter alia*, l-Qorti kienet halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta` ostakolu;

**Ikkunsidrat**;

Illi fil-qosor, dak li rrizulta f'dan il-kaz kien is-segwenti.

**L-Ispettur Ian Joseph Abdilla (illum Assistent Kummissarju) xehed u d-depozizzjoni tieghu tinsab a fol. 22 *et seq*.** Huwa spjega li jahdem gewwa l-Economic Crimes Unit u li kienu sarulu diversi rapporti differenti minn kumpaniji tal-electronics u tal-kompjuters fejn dawn kienu dejjem taw l-istess verzjoni fir-rapport taghhom lilu. Ir-rapporti dahlu minn diversi kumpaniji li spjegaw li l-modus operandi tal-incident kien ikun li jidhol go hanut certu Dr. Micallef li kien jispjega li ghandu business, ha jiftah negozju, ghandu bzonn il-computers u jixtri kompjuters u apparat tat-televixin jew jitlob on credit jew ihallas permezz ta' cekkijiet bankarji li kienu jibbawnsjaw. Illi s-socjetajiet li semma ix-xhud li sfaw vittmi huma Biedbug Developments Limited, Audio f'San Gwann, CBH Computers tar-Rabat, Vision 2000 ta' Hal-Ghaxaq, Strand Electronics Limited fl-Imsida, InfoMate Limited tal-Imsida, Intercomp tal-Imsida, A to Z Electronics, Intercomp, New Millennium Computers, Forestals, Panta Computers u Datax. Illi l-valur tac-cekkijiet li nghataw lill- Raymond Briffa kienu jammontaw ghal-tnax il-elf lira ezatti waqt li l-valur tal-akkuzi minn 5 l-quddiem kien total ta' dsatax il-elf, sitt mija u tmenin lira u tnejn u ghoxrin centezmu bil-maggoranza tal-oggetti kienu apparat tal-kompjuters. Ix-xhud spjega li c-cekkijiet kienu minn kont tal-APS Bank. Ix-xhud pprezenta elenku tas-socjetajiet vittmi kif wkoll tal-valuri dovuti;

**Raymond Briffa xehed fit-8 ta' Mejju 2007 u d-depozizzjoni tieghu tinsab a fol. 41 *et seq*.** Ix-xhud spjega li huwa zviluppatur u ghandu kumpanija li kien jisimha Biedbug

Developments. Gara li fil-6 ta' Awwissu 2006 kienu avvicinawh certu David Coleiro u Ray Debono biex jidhol f'negozju maghhom u jgibu tlett containers madum u dan fuq ftehim minhabba li Raymond Debono sostna li ghandu xi klijenti libjani li riedu jixtru l-madum. Il-ftehim kien li ix-xhud jiffinanzja in-negozju u l-profitti jinqasmu ma David Coleiro. Kien propju fit-8 ta' Awwissu 2006 li x-xhud iltaqa mal-imputat meta propju mar l-ufficju tieghu sabiex issir skrittura privata. Skond ix-xhud, din l-iskrittura giet imfassla minn Dr. Reuben Micallef l-imputat. Skond il-ftehim, ix-xhud kellu jordna ix-xoghol u meta jipprezenta kopja tal-*bill of lading* ghand l-imputat dan sostna li kien ser iroddlu tnax il-elf lira Lm12,000 li kien qieghed izomm huwa bhala depozitu. Spjega li l-bqija tal-prezz kellu jithallas meta tasal il-merca gewwa Malta. Illi wara dan x-xhud mar ic-Cina ma David Coleiro u ordnaw ix-xoghol. Jirrizulta li mal-wasla tieghu mar bil-*Bill of Lading* ghand l-Avukat Reuben Micallef sabiex jigbor id-depozitu pero l-imputat skond ix-xhud sostna li dan in-negozju kien *gimmick* pero kien ser jghinu sabiex ibieghil-madum xorta. Zamm lura milli jhallas id-depozit wara diversi skuzi pero wara tul ta' zmien Reuben Micallef hareg cekk tal-bank APS Bank lix-xhud ghall-valur ta' tnax il-elf lira Maltin (Lm12,000). Irrizulta li dan ic-cekk ma ssarrafx minhabba li l-kont bankarju li minnu nhareg ic-cekk kien maghluq. Ix-xhud ipprezenta l-iskrittura privata a fol. 59 *et seq*, il-*bill of lading* tal-merkanzija a fol. 63 u kopja tac-cekk li ma ssarrafx a fol. 65 datat 15/12/2006;

**Karl Galea xehed fit-8 ta' Mejju 2007 u d-depozizzjoni tieghu tinsab a folio. 69**. Huwa spjega li ghandu negozju fejn jimportaw diversi items ta' home electronics. Huwa jopera bi trade name Audio. Ix-xhud spjega li f'Dicembru tat-2006 mill-informazzjoni li kellu, l-imputat cempel lil wiehed mis-sales representatives tan-negozju ghal delivery ta' zewg plasma TVs li swew elf, tliet mija u hamsin lira. Dawn gew delivered fl-ufficju ta' l-imputat gewwa San Gwann u sar hlas ghax-xoghol permezz ta' cekk mahrug minn Reuben Micallef. Jirrizulta li c-cekk ma giex onorat ghal darba darbtejn u ghalhekk ix-xhud irrikorra ghal ghand l-avukat. Spjega li kien hemm diversi attentati sabiex Reuben Micallef jigi mitkellem tant li kellmu hu stess u l-ewwel talbu jtih ftit taz-zmien, waqt li wara qata kull kuntatt u beda jsemmi diversi skuzi ohrajn. Ix-xhud ikkonferma li l-attentat hlas mill-imputat sar permezz ta' cekk mil-Bank APS li kien post dated u li kien datat wara li nghalaq il-kont bankarju in ezami (*account closed* 27/12/06). Ix-xhud ezebixxa kopja tal-Invoice a fol.77 u kopja tac-cekk a fol. 78 datat 30/12/2006;

**Kevin Ferrante xehed fit-8 ta' Mejju 2007 u d-depozizzjoni tieghu tinsab a fol. 79**. Ix-xhud stqarr li huwa jahdem ma kumpanija li jisimha Vision 2000 fejn din il-kumpanija tahdem fuq il-qasam tal-IT u hi-fi. Spjega li huwa kien ghamel id-delivery ta' zewg LCD TV screens u l-ammont dovut kien ta' elf, mija u disghin lira (Lm1,190). Spjega li l-ordni kienet dahlet bit-telefon permezz ta' telefonata minn ragel li talab ghal delivery ghall-ufficju ta' Dr. Reuben Micallef u kkonferma li ghamel id-delivery hu fl-ufficju ta' Bella Vista Road, San Gwann. Spjega li l-imputat kien talab hu stess sabiex ihallas permezz ta' postdated cheques, u wara li kkonferma ma l-imghallem ix-xhud accetta u filfatt wassal ix-xoghol u gabar ic-cheque go envelop minghand persuna feminili li kienet fl-ufficju. Ix-xhud ikkonferma li l-merkanzija qatt ma haduha lura u ezebixxa kopja tal-invoice a fol. 84 kif wkoll kopja tac-cheque li ma ssarrafx a fol. 85 datat 13/1/2007;

**Aaron Cacciattolo xehed fit-8 ta' Mejju 2007 u d-depozizzjoni tieghu tinsab a fol. 87**. Ix-xhud spjega li huwa jahdem gewwa Strand Electronics fil-hanut IQ bhala sales person. Spjega li f'Novembru tas-sena 2006 gie kkuntattjat minn persuna li jahdem mal-imputat telefonikament fejn talbu quote fuq diversi oggetti fosthom kompjuters u laptops. Ftit wara rcievew *purchase order* ghal kompjuters li filfat gew *delivered* minn impjegat iehor tal-kumpanija. Wara sempliciment jumejn regghu ircevew telefonata ohra u sussegwentement email fejn talbu wkoll delivery ta` zewg laptops li gew kkwotati qabel ukoll. Spjega li fl-ordni talbu thirty days credit u dan gie accettat. Spjega li wara it-tletin gurnata meta pprovaw jergghu jaghmlu kuntatt sabiex jigbru l-flus, hadd ma beda jwiegeb tant li lanqas l-emails ma bdew jaslu. Kkonferma wkoll li marru sahansitra jhabbtu il-bieb pero ma fetah hadd. Ix-xhud ezebixxa kopja tal-invoice li tinsab a fol. 92 et. Seq;

**Xehed Keith Vassallo fit-8 ta' Mejju 2007 u d-depozizzjoni tieghu tinsab a fol. 96**. Ix-xhud stqarr li huwa jopera bhala *sole trader* taht l-isem ta' KBH Computers. Dan spjega li kien rcieva telefonata ghal xi kompjuters pero sostna li talabhom jibatulu email sabiex ikollu kollox bil-miktub. Sahansitra ftit wara rcieva email b'ordni ghal tlett kompjuters minghand Reuben Micallef. Din il-merkanzija giet konsenjata mix-xhud stess fejn huwa rrikorra fl-ufficju ta' San Gwann fejn sab certu mara li sostniet li kienet segretarja u accettat l-affarijiet ghan-nom tal-imputat tant li ffirmat ukoll ghalihom. Ftit wara ix-xhud ircieva telefonata ohra minghand Reuben Micallef li spjega li kien gie misruq in-notebook tieghu u li kellu bzonn iehor urgenti minghandhom. Spjega wkoll li

kien mar huwa stess u ffirma li kien qieghed jiehu l-oggett is-sur Reuben Micallef stess. Ix-xhud insista li ma thallasx u li l-imputat qallu li kien ser ihallas permezz ta' cheque bil-posta pero spjega li kellu jistenna lill-partner tieghu ghaliex ic-cheque kien jirrikjedi il-firem ta` tnejn minn nies. Spjega li bhala individwu l-partner qatt ma gie zvelat. Ix-xhud ezebixxa l-invoices ghall-oggetti li gew ikkunsinnati (ara a fol. 100 et seq) kif wkoll email minghand Reuben Micallef li permezz taghha huwa ordna t-tlett computers originali;

**Marthese Attard tixhed u d-depozizzjoni taghha tinsab a fol. 106**. Ix-xhud spjegat li hija kienet il-General Manager tal-kumpanija InfoMate li hija kumpanija li tbiegh prodotti relatati mall-kompjuters. Spjegat li darba minnhom wiehed mis-sales representatives ircieva telefonata minghand Reuben Micallef fejn dan sostna li b'mod urgenti kellu bzonn order ta' xi kumpjuters. Wara ftit granet, l-imputat rega cempel lill-kumpanija biex jaghmel ordni iehor u wara ricerki mal-Credit control intern ix-xhud kienet xettika li terga tbiegh minhabba li s-soltu johorgu oggetti on account biss meta jithallas xi forma ta' depozit. Ix-xhud spjegat li ghamlet kuntatt ma Micallef b'mod telefoniku u wara rrisponda certu Ray Briffa li kkonvinciha li kellhom bzonn xi merkanzija ohra pero il-hlas kellu jsir xi granet wara minhabba li c-cheque ma setax jinhareg bil-firma ta' Reuben Micallef biss u il-business partner tieghu kien imsiefer. Ix-xhud qalet li tant ikkonvincewha li l-oggetti gew migbura u taghhom kellha l-invoices iffirmati li ammontaw ghal Lm3,496.68. Illi wara li pprovaw jigbru il-flus, saret taf li Reuben Micallef gie arrestat u wara li ghamlet kuntatt mieghu sostna li kien qed jistenna li jidhlulu xi flus minn barra u jkun jista jhallas part payment pero dan qatt ma sehh u li mbaghad l-imputat qata kull kuntatt. Ix-xhud ipprezentat kopja tal-invoices fiskali (ara a fol. 112 et seq);

**Ix-xhud Pierre Ciappara xehed fit-8 ta' Mejju 2007 u d-depozizzjoni tieghu tinsab a fol. 116**. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien il-manager tan-New Millenium Computer Super Store. Spjega li fil-bidu ta' Dicembru 2006 kien ircieva telefonata u min kien cempel sostna li ser jifthu xi ufficju ta` xi Avukati u kellhom bzonn xi kompjuters pero l-avukat kien imsiefer. Wara dan ix-xhud ircieva email fejn ikkonfermaw li kellhom bzonn tlett kompjuters u monitor u sar id-delivery tal-oggetti fi zmien gimgha mid-data tal-email bil-ftehim li l-hlas isir fi zmien gimghatejn minhabba li l-avukat li kellu jaffettwa l-hlas kien allegatament imsiefer. Id-delivery kien sar f'San Gwann u minn rcieva il-merkanzija kien iffirma bhala Darmanin flimkien mal-firma ta` Dr. Reuben Micallef. Ix-

xhud spjega li wara gimgha, rcieva telefonata minghand l-imputat li kellu Laptop li nsteraqlu u kellu bzonn wiehed urgenti; huwa baghat email bid-dettalji u dakinhar stess jew l-ghada kien sar id-delivery u ffirmat ghalih certu Sue Darmanin. Ix-xhud spjega li ma sabx problema ghax kien qed javda lill-persuna peress li kien avukat. Spjega li kien halla z-zmien tal-milied jaghddi u wara pprova jikkorrispondi mal-imputat diversi drabi pero dan beda jevitah. Semma li kien mietlu l-partner tieghu u kellu bzonn xi zmien biex jorganizza kollox waqt li rrifjuta li jaghti l-oggetti lura. Ix-xhud ikkonferma li safa vittma ghal valur ta' Lm1,709 u li l-valur kien ghadu dovut sad-data ta` meta kien qed jixhed. Ix-xhud ipprezenta kopja tal-invoices (ara a fol. 121 u 122) u kopja tal-korrispondenza tal-email (ara a fol. 123);

**Michael Micallef xehed fit-8 ta' Mejju 2007 u d-depozizzjoni tieghu tinsab a fol. 124**. Spjega li huwa jahdem fil-kariga bhala Relationships Manager gewwa Panta Computers. Spjega li f'Dicembrutas-sena 2006 certu Mr. Grech kien cempillu personalment f'isem l-Avukat Reuben Micallef biex jixtri xi kompjuters u laptop fejn ix-xhud talbu jibghat *purchase order* bl-email. Id-delivery tal-kunsinna saret l-ghada u x-xhud qal lid-deliveryman biex jaccerta li jkun hemm it-timbru tal-Avukat Dr. Reuben Micallef. Spjega li l-pagament kellu jsir on delivery pero ma sarx u min ha l-oggetti qal li l-pagament kien ser jintbaghat permezz ta' cheque pero ic-cheque qatt ma wasal. Fix-xahar ta` Jannar ix-xhud ipprova jigbor flusu fejn sahansitra mar l-ufficju ta' Micallef personalment u kellem lilu dirett. L-imputat qallu li kellu bzonn xi zmien biex jirranga ghall-pagament minhabba li kien mietlu l-partner tieghu pero il-hlas qatt ma wasal. Il-valur dovut kien ta' Lm2,747. Ix-xhud ipprezenta kopja tal-invoice (ara a fol.128) u kopja tal-emails (ara a fol. 130 et seq);

**Xehed Trevor Pace u d-depozizzjoni tieghu tinsab a fol. 132**. Huwa jopera fil-kariga bhala Financial Supervisor ta' Intercomp Marketing Limited. Spjega li f'Ottubru ta' 2006 kien dahal certu Reuben Micallef gewwa l-ufficju u talab quote minn certu sales person. L-ghada, wara li tkellem mal-managing director tal-kumpanija Christopher Briffa, kien mar jigbor il-prodotti bil-ftehim on credit ta' 30 gurnata. L-ewwel darba ha erba' PC's pero propju disat ijiem wara baghat invoice sabiex jixtri laptop ukoll u wara li giekkonfermat gabar l-istess laptop mill-ufficini taghhom. Wara din il-gurnata l-kumpanija ghamlet diversi tentattivi sabiex tirkupra flusha lura inkluz li kienu marru l-ufficju, cemplulu diversi drabi, marru id-dar tieghu pero kien kollu ghalxejn. Wara ftit, wiehed mid-diretturi tal-kumpanija semgha bil-frodi ghaddejja u nduna li kienu sfaw

vittmi huma wkoll fejn l-ghada sar rapport. Il-valur kollu ghadu pendenti u kopja tal-invoices gietipprezentata (ara a fol. 135 et seq);

**Xehed Rennie Aquilina fit-2 ta' Novembru 2007 (ara a fol. 154)** bhala Credit Control ta' Forestals Group. Spjega li l-kumpanija kellhom kwistjoni ma Dr. Reuben Micallef madwar Novembru 2006 u li kienu fethu kawza kummercjali li eventwalment intrebhet. Kienu wkoll hargu mandat u gabru parti mill-valur dovut. Kien hemm tlett invoices u l-kunsinna giet delivered gewwa l-ufficju ta' l-imputat stess gewwa San Gwann. Ix-xhud ipprezenta kopja tal-invoices iffirmati (ara a fol. 157 et seq);

**Xehdet Maria Gatt fit-2 ta' Novembru 2007 (ara a fol. 166)** bhala ufficjal tal-bank APS Bank. Ikkonfermat li l-kont in ezami infetah fit-tmintax ta' Novembru 2006 b'sitt elef u hames mitt lira bilanc. Fl-istess xahar il-kont beda jopera pero rrizulta li wara ftit bdew jinhargu cheques li ma setghux jissarfu minhabba li ma kellux flus bizzejjed fil-kont. Ikkonfermat li l-imputat kellu overdraft facility minghajr limitu minhabba li l-kuntratt kien ghadu ma sarx. Is-sanction letter li kienet harget mill-bank harget ghall-valur ta' Lm121,000 u ir-raguni li nghatat kienet li kien xtara plot gewwa Birzebbugia u kellu bzonn itella dar kif ukoll xi valur iehor ghall-finishings. Irrizulta biss pero li wara ftit granet il-facilita' giet irtirata ghax meta kien infetah il-kont, ma kienx hemm limitu ghax ma kienx lahaq sar il-kuntratt u kien diga beda jintuza hazin il-kont minhabba li ma kienux qed jigu onorati ic-cheques. Minhabba dan, il-bank iddecieda li ma setax jaghmel mod iehor u ghalqu il-kont bankarju;

**Xehed Stephen Saliba fit-2 ta' Novembru 2007 (ara a fol. 178)** fejn dan ikkonferma li kien Managing Director ta' Datax Computer Limited. Spjega li Reuben Micallef talab telefonikament sabiex jixtri xi kompjuters. Ix-xhud ikkonferma li sar id-delivery tal-oggetti u gabar cheque li serva bhala deposit. Wara dan, kienet marret il-mara tieghu sabiex tigbor il-bilanc u inghatat cheque iehor. Spjega li l-ewwel cheque kien ghall-valur ta' erba' mija u hamsin lira; waqt li t-tieni cheque ma kienx gie onorat u kien ghall-valur ta' tliet mija u tmenin. Dan it-tieni cheque ma ssarrafx u kien ukoll abbinat ma APS Bank. Spjega li it-tieni cheque u cioe dak li ma ssarrafx inghata post dated minghajr ma taw il-kunsens taghhom u kellhom jistennew sad-data effettiva biex imorru jsarrfuh; izda xorta dan gie *referred to drawer*. Wara dakinhar ix-xhud spjega li ma rnexxilux jerga jaghmel kuntatt ma' Reuben Micallef biex jigbor il-flus u ghalhekk baqa ma thallasx il-valur tat-tieni cheque;

**Rega xehed Rennie Aquilina fit-12 ta' Dicembru 2008 (ara a fol. 213)** fejn ikkonferma li huwa jahdem mal-Forestals u li l-valur li kellha tithallas lill-kumpanija Forestals kienet giet imhallsa u dan l-ammont kien ta' elfejn u seba mitt euro (2,700);

**Xehed ukoll Charles Bonnici Mompalao (ara a fol 249)** fejn spjega li huwa kien direttur fil-kumpanija A to Z Electronics Ltd. Dan ikkonferma li l-imputat kien mar il-hanut u xtara zewg laptops, kompjuter u diversi apparat iehor elettroniku u filfatt hargulu invoice. Ix-xhud spjega pero li dan l-individwu identifika ruhu immedjatament bhala avukat u sostna li kien qieghed jiftah ufficcju u li ma kellux flus fuqu. Minhabba li sostna li kien avukat ix-xhud fdah bil-kunsinna tal-oggetti bil-patt li jmur bil-pagament l-ghada. Wara madwar gimgha sar kuntatt mal-imputat li spjega li ma kellux cheque book dak iz-zmien u talbu jcempillu il-gimgha ta' wara. Eventwalment il-gimgha ta' wara cemplulu w informa lix-xhud li seta jmur jigbor il-pagament. Ikkonferma li l-oggetti gew delivered fl-ufficju tal-imputat gewwa San Gwann u sostna li meta mar jigbor il-flus l-imputat rega gab l-istess skuza li ma kellux c-cheque. Ix-xhud spjega li l-valur tad-dannu kien ta' Lm2970 u li baqghu ma thallsux;

**Xehed Joseph Cini fil-15 ta' Gunju 2010 (ara a fol. 266)** li ezebixxa kopja tal-warrant ta' Avukat tal-imputat. Il-warrant huwa datat 24 ta' Jannar 2002 u nghata sabiex jezercita l-professjoni legali. Kopja tal-warrant gie ezebit a fol. 268.

Dan hu bazikament dak li rrizulta f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali l-Qorti tista legittimament tikkonkludi li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha fil-maggior parti tal-akkuzi migjuba.

1. Fejn si tratta tal-imputazzjonijiet bin-numru (5), (6), (8), (10), (13), (14) u (15), il-Qorti tirrileva illi ghalkemm l-agir ta' l-imputat kien wiehed moralment kundannabbli u li b'dak li ghamel huwa definnittivament inganna lill-persuni/socjetajiet hemm imsemmija, billi ha l-materjal izda baqa ma hallasx ghalih (hlief f'xi okkazzjoni wahda fejn sar il-hlas), dan l-agir ma kienx wiehed tali li kien jikser id-disposizzjonijiet tal-ligi fl-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu

9 tal-Ligijiet ta` Malta. Ir-relazzjoni u l-kwistjoni bejn l-imputat u l-persuni/s-socjetajiet imsemmija baqghet wahda ta' natura civili u konsegwentement inforzabbli biss bhala tali, izda;

2. Fejn si tratta ta' l-imputazzjonijiet bin-numri (3), (7), (9), (11) u (12), il-Qorti tirrileva illi l-prosekuzzjoni rrnexxielha tipprova l-kaz taghha fil-konfront ta' l-imputat stante li l-agir tieghu jaqa perfettament fil-parametri ta' l-Artikoli 308, 309 u 310. Fuq medda ta' zmien, l-imputat volontarjament inganna u ghamel qliegh b'qerq ghad-dannu tal-persuni/socjetajiet hemm imsemmija fl-imputazzjonijiet fuq indikati;

3. Fejn si tratta ta' l-imputazzjonijiet bin-numri (1) u (2), il-Qorti tirrileva illi wkoll hawnhekk il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha. Id-deposizzjonijiet ta' Raymond Briffa (a fol 14 et seq) u ta' Marthese Attard (a fol 106 et seq), flimkien mad-dokumenti minnhom esebiti, huma tali u pezanti bizzejjed biex ma jhallu ebda dubbju f'mohh din il-Qorti illi l-imputat, mhux biss appartjena ghal ghaqda, izda kien ukoll involut fl-organizzazzjoni ta' din l-ghaqda ta' persuni - li kienet tinkludi lill-imputat inniffsu, lil David Coleiro u lil Raymond Debono – bil-hsieb li jiffrodaw – u fil-fatt hekk ghamlu – lil Raymond Briffa.

4. Illi ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni bin-numru (4), din ma tirrizultax mill-provi u jrid jigi rilevat illi tali akkuza tkun inghatat bhala wahda alternattiva ghall-imputazzjoni bin-numru (3) u ta` liema l-imputat qed jinstab hati, kif gia gie spjegat.

**Ikkunsidrat;**

Illi ghal dak li jirrigwarda s-sanzjoni applikabbli, din il-Qorti qed tqis mhux biss fejn instabet htija f'sens tekniku, izda qed tqis il-modus operandi tal-imputat b'mod generali; komportament li sehh fuq medda ta' zmien, anki jekk dan kien zmien qasir. Qed tqis ukoll illi, hlief ghal okkazzjoni wahda fejn is-socjeta koncernata thallset lura ghall-prodotti mghoddija (u dan ghax kien hemm effettivament kawza civili ta' success), l-imputat ma rnexxielu jhallas lil hadd aktar u dan ikkawza dannu finanzjarju lil diversi socjetajiet. Apparti naturalment id-dannu finanzjarju sostanzjali kkawzat lil Raymond Briffa.

Peress li l-imputat kien avukat prattikanti bil-warrant, u propju kien juza dik il-posizzjoni sabiex isahhah il-fiducja tat-terzi li gew ingannati, il-kompartament ta' l-imputat jiehu dimensjoni hafna aktar serja. B'dak li ghamel, l-imputat mhux talli gab fix-xejn il-gurament li kien ha qabel inghata l-warrant biex jipprattika il-professjoni ta' avukat, izda ghamel hsara kbira lir-reputazzjoni tal-professjoni legali. Dan kollu ser ikun rifless fil-piena li ser tigi inflitta.

**Decide;**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 18, 23, 31, 83A(1), 83A(2), 83A(5), 293, 294, 308, 309, 310, 532A, 532B U 533 TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA` MALTA, ISSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT REUBEN MICALLEF MHUX HATI TAL-IMPUTAZZJONIJIET BIN-NUMRI (4), (5), (6), (8), (10), (13), (14) U (15) U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI; IZDA SSIBU U TIDDIKJARAH HATI TAL-IMPUTAZZJONIJIET BIN-NUMRI (1), (2), (3), (7), (9), (11) U (12) U TIKKUNDANNAH KOMPLESSIVAMENT GHALL-PIENA TA` PRIGUNERIJA TA` HAMES (5) SNIN.**

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, il-Qorti tordna lill-hati Reuben Micallef ihallas lill-vittmi kollha ta` dan il-kaz kull bilanc li ghadu lilhom dovut, mertu f'din il-kawza.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur